MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2009

Citazzjoni Numru. 68/2008

Kawza fil-lista: 28

**A B**
**vs**
**L-Avukat Dottor Beppe Fenech Adami u l-Prokuratur Legali Victor Bugeja kuraturi deputati nominati biex jirrapprezentaw lill-assenti C D;**
**u b' digriet tal-20 ta' Gunju 2008 dawn gew estromessi mill-kawza,**
**stante li l-konvenut assuma l-atti personalment**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

1. Illi l-partijiet izzewgu fl-14 ta' Novembru 2006 gewwa Aleppo, is-Sirja, kif jirrizulta mic-certifikat hawn anness u mmarkat bhala Dok. A;

2. Illi l-kunsens tal-attrici ghaz-zwieg imsemmi inkiseb b' qerq dwar il-kwalita' tal-konvenut li mix-xorta taghha fixklet serjament il-hajja mizzewga kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

3. Illi l-kunsens tal-partijiet ghaz-zwieg imsemmi kien ivvizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet essenzjali taghha li, kif ukoll ser jigi ppruvat waqt il-mori tal-kawza, ghamlitha impossibli ghall-istess konvenut li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

4. Illi l-kunsens tal-konvenut inkiseb bl-eskluzzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' elementi essenzjali ta' hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

5. Illi ghalhekk iz-zwieg bejn il-partijiet kien null u invalidu skond il-ligi;

6. Illi l-esponenta taf personalment bil-fatti kollha iddikjarati u debitament enumerati;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet hawn premessi, l-attrici umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti:

Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg bejn il-kontendenti iccelebrat fl-14 ta' Novembru 2006 gewwa s-Sirja, kien null u invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi u dan ai termini tal-Artikolu 19 (1) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta, b' mod generali, u b' mod specifiku a tenur tal-provvedimenti tal-paragrafi (c) (d) u (f) tal-istess Artikolu 19(1) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghalhekk tordna li ssir annotazzjoni opportuna fl-Att taz-Zwieg relattiv.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li jibqa' minn issa ingunt ghas-subizzjoni tieghu.

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati li biha ddikjaraw li huma ma kienux ghadhom edotti mill-fatti tal-kaz, u rrizervaw id-dritt li jipprezentaw risposta guramentata ulterjuri;

Rat ir-risposta guramentata ulterjuri tal-konvenut li biha eccepixxa:

1. Illi l-konvenut gie awtorizzat jipprezenta dawn l-eccezzjonijiet permezz tal-verbal ta' din l-Onorabbli Qorti datat 20 ta' Mejju 2008;

2. Illi l-allegazzjonjiet u l-pretensjonijiet attrici huma lkoll infondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandhom jigu michuda;

3. Illi z-zwieg li sehh bejn il-partijiet nhar l-14 ta' Novembru tas-sena elfejn u sitta (2006) mhux null stante li mhux minnu li dan kien b' xi mod vizzjat u dan kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza;

4. Illi fi kwalunkwe kaz l-esponent m' ghandux ibati l-ispejjez ta' dawn il-proceduri stante li r-rikorrenti kienet taf ben tajjeb x' inhi taghmel.

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat:

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fl-14 ta' Novembru 2006 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali taghha kien vizzjat fit-termini tal-paragrafu [c], dak tal-partijiet fit-termini tal-paragrafu [d] u dak tal-konvenut fit-termini tal-paragrafu [f] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta. Minn naha tieghu l-konvenut jeccepixxi li z-zwieg mhux null.

**Il-Fatti**
Illi mill-provi jirrizulta pacifiku bejn il-partijiet li dawn izzewwgu fl-14 ta' Novembru 2006 meta allura, l-attrici cittadina maltija kellha 24 sena, u l-konvenut, cittadin sirjan kellu 28 sena, u wara li kienu ilhom jikkomunikaw flimkien bl-internet tlett xhur, u johorgu flimkien gimgha qabel l-imsemmija data. Wara ftit anqas minn tlett xhur ta' konvivenza matrimonjali, il-partijiet isseparaw de facto.

Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Illi jirrizulta pacifiku wkoll li l-partijiet kienu saru jafu lil xulxin tramite l-internet, u circa gimgha qabel id-data tat-tieg, l-attrici kienet marret is-Sirja sabiex tiltaqa' mal-konvenut.  Matul din il-gimgha l-konvenut ippropona z-zwieg lill-attrici li accettat, u di fatti dawn izzewwgu f' dik il-gimgha stess fis-Sirja, sabiex il-konvenut ikun jista' jinzel joqghod Malta.

Sussegwentement l-attrici nizzlet Malta waheda, u wara li rrangat id-dokumenti necessarji sabiex il-konvenut ikun jista' jinzel Malta, dana gie Malta u l-partijiet bdew jghixu flimkien hawn Malta.

Illi jirrizulta li mill-bidu nett tal-hajja matrimonjali l-partijiet irriskontraw problemi, u wara ftit xhur huma sseparaw de facto. In propozitu huma jaghtu verzjonijiet kontrastanti.

L-attrici tghid li hija kienet accettat il-proposta taz-zwieg maghmula mill-konvenut ghax kienet thobbu u riedet tghix il-hajja konjugali mieghu, u riedet li jkollha t-tfal f' dan iz-zwieg; izda, tghid li l-konvenut ma kienx juri rispett lejha, u qatt ma kien jaghtiha flus ghall-hajja, u b' hekk kienet qed izzomm il-familja waheda bix-xoghol taghha.  Kien johrog kmienu ghax-xoghol u jidhol tard filghaxija. Tghid li fil-ftit taz-zmien li huma damu flimkien, il-konvenut kien iffitixha biss ghas-sess, u qatt ma kien pjana xi haga ghall-futur. Tghid ukoll li, ftit wara z-zwieg, il-konvenut kien qallha li ma kienx ried tfal f' dan iz-zwieg, u di fatti l-att konjugali dejjem sar bi prekawzzjoni, bl-uzu tal-condom, sabiex ma tinqabadx tqila.  Hija tghid li gurnata minnhom il-konvenut qabad u telaq mid-dar u ma rritornax lura; u ghalkemm

hija kienet ipprovat issibu, ma rnexxielhiex. Hija tghid li ma tafx x' kienet ir-raguni ghaliex il-konvenut telaqha hesrem.

Minn naha tieghu l-konvenut jinnega li hu ma kienx ried tfal fiz-zwieg, u jinnega wkoll li l-att taz-zwieg kien isir bil-prekawzzjoni kif spjegat l-attrici, u nnega wkoll li kien hu li telaq mid-dar konjugali. Huwa jghid li kienet l-attrici li hesrem abbandunat id-dar konjugali u, jghid li ghadu ma jafx x' kienet ir-raguni ghaliex hi ghamlet dan.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi din il-Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu, u taghti affidament lill-attrici u mhux lill-konvenut. Minn dak li rrizulta mill-provi, il-Qorti hija tal-fehema li l-konvenut izzewweg lill-attrici, mhux ghax ried jghix il-hajja konjugali maghha, izda <u>unikament</u> sabiex jinqeda biha u jkun jista' jigi joqghod Malta, fejn ghadu jghix sallum bis-sahha taghha.

Jigi osservat li kien il-konvenut li kien talab lill-attrici sabiex tizzewwgu fil-gimgha li kienu ffrekwentaw lil xulxin qabel iz-zwieg, u jirrizulta car li kien bis-sahha ta' dan iz-zwieg li huwa seta' jigi u jibqa' Malta. Inoltre, meta eventwalment l-attrici kienet irrangat id-dokumenti kollha sabiex il-konvenut, allura zewgha jkun jista' jigi Malta, huwa gie Malta, izda wara konvivenza ta' anqas minn tlett xhur, li matulha huwa wera li ma riedx verament jghix il-hajja konjugali ma' l-attrici u jistabilixxi maghha "a community of love and life", huwa qabad u telaq, u abbanduna lill-attrici, wara li kien qalilha car u tond li ma riedx tfal f' dan iz-zwieg.

Stabbilit il-premess, il-Qorti tirravviza f' dan il-kaz il-caput nullitatis kontemplat fil-paragrafu [f] ta' l-artikolu 19[1] da parti tal-konvenut li, ghalkemm esternament ghadda minn cerimonja ta' zwieg, izda nternament u b' att pozittiv tal-volonta' tieghu, huwa eskluda obbligazzjonijiet essenzjali ghall-hajja matrimonjali, principalment dak tal-prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa'  t-talbiet attrici, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fl-14 ta' Novembru 2006.  L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------